**158. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jbigħ lis-Soċjeta' tal-Ġiżwiti il-fond 56\57, Triq Markiż Sċicluna, Naxxar, kif jirriżulta aħjar mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amminstrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni specjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni specjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond 56/57 Triq Markiż Scicluna, Naxxar deskritt aħjar fl- abbozz tal-kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il- Mejda tal-Kamra jinbiegħ lis-Socjeta' tal-Ġiżwiti skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz

23.06.1989